



Brussell, 4 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

9471/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0348 (COD)

CODEC 877
PECHE 183
PE 67

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1139 f'dak li għandu x'jaqsam mal-meded tal-mortalità mis-sajd u l-livelli ta' salvagwardja għal ċerti stokkijiet ta' aringi fil-Baħar Baltiku - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew, (Strasburgu, 28 sa 31 ta' Mejju 2018)

I. INTRODUZZJONI

Ir-rapporteur, Alain CADEC (PPE-FR) ippreżenta rapport f'isem il-Kumitat għas-Sajd, bil-għan li tittieħed il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1139 f'dak li għandu x'jaqsam mal-meded tal-mortalità mis-sajd u l-livelli ta' salvagwardja għal ċerti stokkijiet ta' aringi fil-Baħar Baltiku.

II. VOTAZZJONI

Il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fid-29 ta' Mejju 2018 billi ħa l-inkarigu tal-proposta tal-Kummissjoni. Din il-pożizzjoni tinsab fir-riżoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif innizzla fl-Anness ma' dan.

Fit-8 ta' Mejju 2018, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kien approva l-proposta tal-Kummissjoni mingħajr emendi. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew. L-att leġislattiv imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi mal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

Il-meded tal-mortalità mis-sajd u l-livelli ta' salvagwardja għal ċerti stokkijiet ta' aringi fil-Baħar Baltiku *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1139 f'dak li għandu x'jaqsam mal-meded tal-mortalità mis-sajd u l-livelli ta' salvagwardja għal ċerti stokkijiet ta' aringi fil-Baħar Baltiku (COM(2017)0774 – C8-0446/2017 – 2017/0348(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2017)0774),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0446/2017),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-14 ta' Frar 2018¹,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill permezz tal-ittra tat-8 ta' Mejju 2018, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A8-0149/2018),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-29 ta' Mejju 2018 bil-ksieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1139 f'dak li għandu x'jaqsam mal-meded tal-mortalità mis-sajd u l-livelli ta' salvagwardja għal ċerti stokkijiet ta' aringi fil-Baħar Baltiku

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja³,

² Opinjoni tal-14 ta' Frar 2018 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

³ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku ("il-pjan"). L-għan tal-pjan huwa li jikkontribwixxi għall-kisba tal-oġettivi tal-politika komuni tas-sajd u, b'mod partikolari, biex jiżgura li l-isfruttar ta' riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirriabilita u jżomm il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada 'l fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli (MSY).
- (2) L-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2016/1139 jistipula l-istokkijiet tal-ħut tal-Baħar Baltiku kkonċernati, inkluż l-istokk ta' aringi tal-Baħar tal-Botnja u l-istokk ta' aringi tal-Bajja tal-Botnja. Sabiex tiġi salvagwardjata l-kapaċità riproduttiva sħiħa ta' daww l-istokkijiet, l-Annessi I u II għal dak ir-Regolament jistabbilixxi ċerti punti ta' referenza dwar il-konservazzjoni, inklużi l-meded ta' mortalità mis-sajd u l-punti ta' referenza ġodda tal-bijomassa riproduttiva tal-istokk.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 (ĠU L 191, 15.7.2016, p. 1).

- (3) L-evalwazzjoni xjentifika tal-istokk tal-aringi tal-Baħar tal-Botnija, u l-istokk tal-aringi tal-Bajja tal-Botnija li saret fl-2017 mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) wriet li dawn iż-żewġ stokkijiet huma simili. Bħala konsegwenza, l-ICES għaqqad iż-żewġ stokkijiet f'waħda, biddel il-konfini taż-żona ġeografika relattiva u vvaluta mill-ġdid il-meded ta' mortalità mis-sajd tar-rendiment massimu sostenibbli (MSY), kif ukoll il-punti ta' referenza dwar konservazzjoni rilevanti. Dan wassal għal definizzjoni tal-istokkijiet u valuri numeriċi differenti minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 1 u l-Annessi I u II tar-Regolament (UE) 2016/1139.
- (4) L-Artikolu 5(6) tar-Regolament (UE) 2016/1139 jipprevedi li meta, abbażi ta' parir xjentifiku, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-punti ta' referenza dwar il-konservazzjoni stipulati fl-Anness II ta' dak ir-Regolament ma jibqgħux jesprimu b'mod korrett l-oġettivi tal-pjan, il-Kummissjoni tista', bħala kwistjoni ta' urġenza, tissottometti proposta għar-reviżjoni ta' dawk il-punti ta' referenza lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (5) Huwa xieraq li jiġu emendati b'mod urġenti l-punti (e) u (f) tal-Artikolu 1(1) u l-Annessi I u II tar-Regolament (UE) 2016/1139 sabiex jiġi żgurat li l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet rilevanti jiġu ffissati skont il-punti ta' referenza dwar konservazzjoni aġġornati.
- (6) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2016/1139 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Emendi tar-Regolament (UE) Nru 2016/1139

Ir-Regolament (UE) 2016/1139 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) aringi (*Clupea harengus*) fis-subdiviżjonijiet tal-ICES 30-31 (aringi tal-Golf ta' Botnja);";

(b) jitħassar il-punt (f).

(2) Fl-Anness I, l-annotazzjonijiet li jikkonċernaw l-istokk ta' aringi tal-Baħar tal-Botnja u l-istokk ta' aringi tal-Bajja tal-Botnja huma sostitwiti b'dan li ġej:

"L-aringa tal-Golf ta' Botnja	0,15-0,21	0,21-0,21"
-------------------------------	-----------	------------

(3) Fl-Anness II, l-annotazzjonijiet li jikkonċernaw l-istokk ta' aringi tal-Baħar tal-Botnja u l-istokk ta' aringi tal-Bajja tal-Botnja huma sostitwiti b'dan li ġej:

"L-aringa tal-Golf ta' Botnja	283 180	202 272"
-------------------------------	---------	----------

Artikolu 2
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu *fIl-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President
